KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fil-5 ta' Settembru 2018 [1]

Kawża C-215/17

Nova Kreditna Banka Maribor d.d.
vs
Republika Slovenija

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vrhovno sodišče Republike Slovenije (il-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja))

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku — Rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment — Istituzzjonijiet ta' kreditu taħt influwenza dominanti tal-Istat — Regoli nazzjonali li jagħtu aċċess mingħajr restrizzjonijiet għal ċerta informazzjoni dwar kuntratti kummerċjali konklużi minn tali istituzzjonijiet)

I. Introduzzjoni

1. Nova Kreditna Banka Maribor d.d. (iktar 'il quddiem "NKBM") huwa bank Sloven. Ġurnalist għamel talba lil dan il-bank għal aċċess għal lista li fiha ċerta informazzjoni dwar kuntratti konklużi minn NKBM ma' ditti ta' konsulenza, ditti legali u kumpanniji li jipprovdu servizzi ta' natura intellettwali. Din it-talba saret skont ir-regoli Sloveni dwar l-aċċess għal dokumenti. Fiż-żmien li saret it-talba, ir-Repubblika tas-Slovenja kellha maġġoranza tal-ishma fi NKBM. Kienet ukoll għamlet rikapitalizzazzjoni ta' dan il-bank. Għal dawn ir-raġunijiet, il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-aċċess għal dokumenti kienet applikabbli għall-bank f'dak iż-żmien, u jidher li informazzjoni bħal dik mitluba mill-ġurnalist kellha tingħata skont id-dritt nazzjonali.

2. NKBM ċaħad it-talba tal-ġurnalist. Il-ġurnalist ressaq ilment lill-awtorità amministrattiva li tittratta l-aċċess għall-informazzjoni fis-Slovenja, li ordnat lill-bank jagħti aċċess għall-informazzjoni mitluba. NKBM ikkontesta din id-deċiżjoni quddiem il-qrati nazzjonali. Il-kawża issa qed tinstema' mill-Vrhovno sodišče Republike Slovenije (il-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja) fuq punt ta' liġi. Din il-qorti qed tirreferi żewġ domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja, fuq il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Slovena dwar l-aċċess għal dokumenti kemm mad-Direttiva 2003/98/KE [2] kif ukoll mar-Regolament (UE) Nru 575/2013. [3]

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU 2003 L 345, p. 90), kif emendata bid-Direttiva 2013/37/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU 2013 L 175, p. 1).

3 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, p. 1, u r-rettifiki ĠU 2013 L 208, p. 68, u ĠU 2013 L 321, p. 6).

II. Qafas legali

A. Id-dritt tal-UE:

1. Id-Direttiva 2003/98

3. Id-Direttiva 2003/98 tfittex li tistabbilixxi, kif iddikjarat fl-Artikolu 1(1), "sett minimu ta' regoli li jirregolaw l-użu mill-ġdid u l-mezzi prattiċi għall-iffaċilitar ta' l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku ta' l-Istati Membri".

4. L-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva fih lista ta' esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Fis-subparagrafu (c) huwa jipprovdi, b'mod partikolari, li d-direttiva ma għandhiex tapplika għal "dokumenti li huma esklużi mill-aċċess minħabba r-reġimi ta' aċċess fl-Istati Membri, fosthom minħabba raġunijiet ta' […] kunfidenzjalità kummerċjali (eż. sigrieti kummerċjali, professjonali jew tal-kumpanniji)".

5. Id-direttiva tgħid ukoll, fl-Artikolu 1(3), li "tibni fuq u hija bla ħsara għar-reġimi ta' aċċess fl-Istati Membri.".

6. L-Artikolu 2 tad-Direttiva jipprovdi, *inter alia*, id-definizzjonijiet li ġejjin għall-finijiet tad-direttiva:

"1. 'korp tas-settur pubbliku' tfisser l-Istat, awtoritajiet reġjonali jew lokali, korpi regolati bil-liġi pubblika u assoċjazzjonijiet iffurmati minn awtorità waħda jew diversi awtoritajiet bħal dawk regolati bil-liġi pubblika;

2. 'korp regolat bil-liġi pubblika' tfisser [kull] korp:

(a) stabbilit għal fini speċifiku biex iħares il-ħtiġiet fl-interess ġenerali, li ma jkollux karattru industrijali jew kummerċjali; u

(b) li jkollu personalità ġuridika; u

(c) finanzjat, fil-parti 'l kbira tiegħu mill-Istat, jew minn awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew korpi oħra regolati mill-liġi pubblika; jew suġġett għas-sorveljanza maniġerjali minn dawk il-korpi; jew li jkollu bord amministrattiv, maniġerjali jew ta' sorveljanza, li iktar minn-nofs il-membri tiegħu ikunu maħtura mill-Istat, awtoritajiet reġjonali jew lokali jew minn korpi oħra regolati mill-liġi pubblika;

[…]"

2. Ir-Regolament Nru 575/2013,

7. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 575/2013 huwa definit fl-Artikolu 1, li jgħid hekk:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi li jikkonċernaw rekwiżiti prudenzjali ġenerali li l-istituzzjonijiet sorveljati skont id-Direttiva 2013/36/UE għandhom jikkonformaw magħhom fir-rigward tal-elementi li ġejjin:

[…]

(e) rekwiżiti ta' divulgazzjoni pubblika.

[…]”.

8. It-Tmien Parti ta’ dan ir-regolament hija intitolata “Żvelar mill-Istituzzjonijiet” u hija magħmula mill-Artikoli 431 sa 455. L-Artikolu 431 jistabbilixxi l-ambitu tar-rekwiżiti ta’ divulgazzjoni. L-Artikolu 432(2) jawtorizza, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-ommissjoni ta’ informazzjoni privata jew kunfidenzjali fid-divulgazzjoni. L-Artikolu 433 iżid li l-istituzzjonijiet għandhom jippubblikaw id-divulgazzjonijiet meħtieġa mit-Tmien Parti mill-inqas darba fis-sena.

B. Id-dritt Sloven

1. Il-liġi dwar l-aċċess għall-informazzjoni pubblika

9. L-Artikolu 1a taż-Zakon o dostopu do informacij javnega značaja (iktar ’il quddiem il-“Liġi dwar l-aċċess għall-informazzjoni pubblika”, jew iz-“ZDIJZ”) jaqra kif ġej:

“(1) Il-liġi preżenti tirregola wkoll il-proċedura li tippermetti lil kulħadd ikollu aċċess liberu għal informazzjoni ta’ importanza pubblika miżmuma minn kumpanniji kummerċjali u entitajiet oħra taħt id-dritt privat li jaqgħu taħt l-influwenza dominanti, kemm direttament jew indirettament, individwalment jew konġuntament, tar-Repubblika tas-Slovenja, entitajiet territorjali lokali awtonomi jew entitajiet oħra taħt id-dritt pubbliku (iktar ‘il quddiem l-“impriżi taħt l-influwenza dominanti ta’ entitajiet ta’ dritt pubbliku”).

(2) Għandu jitqies li jkun hemm influwenza dominanti fis-sens tal-paragrafu preċedenti meta r-Repubblika tas-Slovenja, l-entitajiet territorjali lokali awtonomi, jew entitajiet oħra taħt id-dritt pubbliku, individwalment jew kollettivament:

– ikunu jistgħu jeżerċitaw influwenza dominanti fuq il-bażi ta’ sehem maġġoritarju fil-kapital sottoskritt, jew ikollhom, fir-rigward ta’ kumpannija kummerċjali, id-dritt li jikkontrollaw il-maġġoranza jew is-setgħa li jaħtru iktar minn nofs il-membri tal-organu amministrattiv jew korp superviżorju, direttament jew indirettament permezz ta’ kumpanniji kummerċjali oħra jew entitajiet oħra taħt id-dritt privat,

[…]

(3) Bank li jibbenefika minn miżuri meħuda taħt il-liġi li tirregola l-miżuri meħuda mir-Repubblika tas-Slovenja biex isaħħaħ l-istabbiltà tal-banek għandu wkoll jitqies li huwa taħt influwenza dominanti fis-sens tal-paragrafu 1 ta’ dan l-artikolu.

(4) Impriża għandha wkoll titqies li tkun suġġetta għall-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta’ dan l-artikolu għal perijodu ta’ ħames snin wara li l-influwenza dominanti, kif imsemmija fil-paragrafu 2 ta’ dan l-artikolu, tkun intemmet, fil-każ ta’ informazzjoni ta’ importanza pubblika li tmur lura għall-perijodu li matulu dik l-impriża kienet taħt influwenza dominanti.

(5) Impriża taħt l-influwenza dominanti ta’ entitajiet taħt id-dritt pubbliku għandha tkun suġġetta għall-obbligu li tipprovdi aċċess għal informazzjoni ta’ importanza pubblika fis-sens tal-Artikolu 4a ta’ din il-liġi.

(6) Minbarra l-għan stabbilit fl-Artikolu 2(1), il-liġi preżenti għandha jkollha l-għan li ttejjeb it-trasparenza u t-tmexxija responsabbli tal-fondi pubbliċi u l-finanzi ta’ impriżi taħt l-influwenza dominanti ta’ entitajiet taħt id-dritt pubbliku.

[…]”

10. L-Artikolu 4a(1) taz-ZDIJZ jgħid li:

"Fil-każ ta' impriżi taħt l-influwenza dominanti ta' entitajiet taħt id-dritt pubbliku, informazzjoni ta' importanza pubblika tfisser:

– informazzjoni dwar tranżazzjoni li tinvolvi l-akkwist, it-tneħħija jew il-ġestjoni tal-assi tanġibbli tal-impriża jew in-nefqa tal-impriża b'relazzjoni mal-ordnijiet ta' provvisti, xogħlijiet, servizzi ta' aġenzija, konsulenza jew servizzi oħra, kif ukoll finanzjament, sponsorizzazzjoni, konsulenza u ftehimiet ta' awtur, jew tranżazzjonijiet oħra li jipproduċu riżultat simili;

[…]"

11. Skont l-Artikolu 6a taz-ZDIJZ:

"(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 tal-artikolu preċedenti, aċċess mitlub għal informazzjoni ta' importanza pubblika fuq impriżi taħt l-influwenza dominanti ta' entitajiet taħt id-dritt pubbliku għandu jingħata fir-rigward tad-data prinċipali li tikkonċerna t-tranżazzjonijiet magħluqin imsemmija fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4a(1) ta' din il-liġi, jiġifieri:

– informazzjoni dwar it-tip ta' tranżazzjoni;

– lis-sieħeb kuntrattwali, fil-każ ta' persuna ġuridika, l-isem tal-kumpannija jew tan-negozju, l-uffiċċju rreġistrat u l-indirizz tan-negozju; jew, fil-każ ta' persuna fiżika, l-isem tal-persuna u l-post ta' residenza;

– il-valur tal-kuntratt u l-ammonti tad-diversi pagamenti magħmula;

– id-data li fiha jkun ġie konkluż il-kuntratt u t-tul tat-tranżazzjoni; u

– ċerta informazzjoni li tinsab fl-annessi għal dawn il-kuntratti.

[…]

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, fejn l-informazzjoni ta' importanza pubblika ma tkunx aċċessibbli permezz tal-internet skont l-Artikolu 10a(4) ta' din il-liġi, persuna meħtieġa li tipprovdi aċċess għandha tirrifjuta aċċess għad-data prinċipali relatata ma' tranżazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, jekk dik il-persuna turi li d-divulgazzjoni tkun ser tippreġudika serjament il-pożizzjoni kompetittiva tagħhom fis-suq, sakemm dik id-data ma tikkonċernax tranżazzjonijiet li jinvolvu l-provvista ta' servizzi minn finanzjaturi, sponsorizzant, konsulenti, awturi jew tranżazzjonijiet oħra li jipproduċu riżultat simili.

[…]"

2. Il-liġi dwar il-kumpanniji kummerċjali

12. L-Artikolu 39 taż-Zakon o gospodarskih družbah (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-kumpanniji kummerċjali" jew iz-"ZGD-1") jipprovdi:

"(1) Id-data deskritta minn kumpannija f'deċiżjoni bil-miktub bħala sigriet tan-negozju għandha titqies bħala tali. Id-deċiżjoni għandha tiġi mgħarrfa lill-membri, lill-impjegati, lill-membri tal-korpi amministrattivi tal-kumpannija u lill-persuni oħra marbuta bis-sigriet tan-negozju.

(2) Kemm jekk deskritta bħala tali b'deċiżjoni fis-sens tal-paragrafu 1, data li fir-rigward tagħha jkun ċar li d-divulgazzjoni tagħha lil persuna mhux awtorizzata tikkawża danni serji wkoll għandha titqies li tkun sigriet tan-negozju. Il-membri, l-impjegati, il-membri tal-korpi amministrattivi tal-kumpannija u persuni oħra jinżammu responsabbli għad-divulgazzjoni ta' sigriet tan-negozju jekk ikunu jafu jew kellhom ikunu jafu li d-data kienet ta' dak in-natura.

(3) Id-data li, bil-liġi, hija pubblika, jew data relatata ma' ksur ta' liġi jew ksur ta' prattika kummerċjali tajba ma għandhiex tiġi deskritta bħala sigriet tan-negozju."

III. Il-fatti, il-proċedura nazzjonali u d-domandi preliminari

13. Nova Kreditna Banka Maribor, d.d. huwa bank Sloven. Ġurnalist għamel talba lil dan il-bank għal aċċess għal lista b'informazzjoni li tinkludi data dwar kuntratti li NKBM kienet ikkonkludiet ma' ditti ta' konsulenza, ditti legali u kumpanniji li jipprovdu servizzi ta' natura intellettwali fil-perijodu mill-1 ta' Ottubru 2012 sas-17 ta' April 2014. Id-data mitluba tirrelata speċifikament ma': it-tip ta' tranżazzjoni konkluża; l-imsieħeb kuntrattwali (fil-każ ta' persuna ġuridika, l-isem tal-kumpannija jew tan-negozju, l-uffiċċju rreġistrat u l-indirizz kummerċjali); il-valur tal-kuntratt; l-ammont ta' pagamenti individwali; id-data li fiha ġie konkluż il-kuntratt; it-tul ta' żmien tar-relazzjoni kummerċjali; u informazzjoni oħra bħal din li tinsab fl-annessi tal-kuntratt.

14. Skont l-Artikolu 6a(1) taz-ZDIJZ, meta d-data mitluba tirrigwarda ċerti tipi ta' tranżazzjonijiet kuntrattwali - inklużi kuntratti bħal dawk inkwistjoni - huma jiġu kklassifikati bħala "data prinċipali". Din id-data titqies li hija "informazzjoni ta' importanza pubblika" meta tikkonċerna kumpanniji taħt l-influwenza dominanti ta' entità taħt id-dritt pubbliku.

15. Matul il-perijodu li għalih intalab l-aċċess għad-data, NKBM kien taħt l-influwenza dominanti ta' entità taħt id-dritt pubbliku, jiġifieri r-Repubblika tas-Slovenja. Dan kien għaliex (i) direttament jew indirettament, is-Slovenja kellha l-maġġoranza tal-ishma ta' NKBM u, (ii) bħal numru ta' banek oħra, NKBM kien ġie sostanzjalment rikapitalizzat permezz ta' intervent tal-Istat.

16. Skont l-Artikolu 6a(3) taz-ZDIJZ, l-aċċess għal "data ewlenija" msemmija hawn fuq għandu bħala prinċipju jingħata. Madankollu, dan l-aċċess jista' jiġi rrifjutat jekk il-kumpannija turi li d-divulgazzjoni tista' jagħmel ħsara serja lill-pożizzjoni kompetittiva tagħha fis-suq.

17. Hemm madankollu eċċezzjoni għal din l-eċċezzjoni: l-aċċess għandu dejjem jingħata fejn din id-"data prinċipali" tikkonċerna "tranżazzjonijiet li jinvolvu l-għoti ta' servizzi minn finanzjaturi, sponsorizzanti, konsulenti, awturi jew tranżazzjonijiet oħra li jipproduċu riżultat simili". Skont il-qorti tar-rinviju, il-lista mitluba mill-ġurnalist tikkonċerna kuntratti li jaqgħu taħt din il-kategorija.

18. Fil-21 ta' April 2016, NKBM sar kumpannija b'responsabbiltà limitata privata u, bħala tali, ma baqax taħt l-influwenza dominanti tal-Istat. Madankollu, skont l-Artikolu 1a(4) taz-ZDIJZ, baqa' obbligat li jagħti aċċess għal data għal ħames snin oħra, sakemm din id-data tkun relatata mal-perijodu li fih NKBM kien taħt dik l-influwenza dominanti. Fi kwalunkwe każ, il-ġurnalist għamel it-talba għal aċċess f'data li mhix indikata espressament fid-digriet tar-rinviju, iżda b'mod ċar din kienet qabel id-data li fiha NKBM sar kumpannija privata: kif tosserva l-qorti tar-rinviju, ir-risposta (negattiva) ta' NKBM għal din it-talba ngħatat fid-19 ta' Mejju 2014.

19. NKBM irrifjuta t-talba għal informazzjoni tal-ġurnalist. Il-ġurnalist ressaq ilment kontra dan ir-rifjut lill-Informacijski pooblaščenec (il-Kummissarju tal-Informazzjoni, is-Slovenja). Il-Kummissarju tal-Informazzjoni laqa' l-ilment u ordna lil NKBM jipprovdi d-data mitluba lill-ġurnalist.

20. NKBM ressaq talba kontra din id-deċiżjoni, li ġiet miċħuda mill-qorti tal-ewwel istanza. NKBM imbagħad ressaq appell fuq punt ta' liġi quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Vrhovno sodišče Republike Slovenije (il-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja). Quddiem din il-qorti, NKBM allega li z-ZDIJZ kisret drittijiet kostituzzjonali, u li kienet inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. L-allegazzjonijiet ta' inkompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mal-Kostituzzjoni Slovena ġew eżaminati mill-Ustavno sodišče Republike Slovenije (il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tas-Slovenja), li ġiet adita mill-qorti tar-rinviju dwar il-kwistjoni tal-kostituzzjonalità tal-liġi nazzjonali. L-Ustavno sodišče Republike Slovenije (il-Qorti kostituzzjonali tar-Repubblika tas-Slovenja) iddeċidiet li r-regoli nazzjonali inkwistjoni ma kinux inkompatibbli mal-Kostituzzjoni Slovena.[4]

21. F'dawn ir-ċirkustanzi, il-Vrhovno sodišče Republike Slovenije (il-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) It-tielet inċiż tal-Artikolu 1(2)(c) tad-Direttiva 2003/98, kif emendat bid-Direttiva 2013/37 (verżjoni kkonsolidata), b'teħid inkunsiderazzjoni ta' approċċ ta' armonizzazzjoni minima, għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali tista' tippermetti aċċess illimitat (assolut) għall-informazzjoni kollha li tirriżulta minn kuntratti li jikkonċernaw id-drittijiet tal-awtur u minn kuntratti ta' konsulenza, anki jekk dawn jiġu ddefiniti bħala sigriet tan-negozju, u l-imsemmija leġiżlazzjoni tipprevedi dan biss f'rabta mal-persuni suġġetti għal influwenza dominanti tal-Istat, iżda mhux ukoll għall-persuni obbligati l-oħra, u, l-interpretazzjoni tiġi influwenzata wkoll mir-Regolament (UE) Nru 575/2013 b'rabta mar-regoli dwar l-iżvelar ta' informazzjoni, u b'mod partikolari fis-sens li l-aċċess għall-informazzjoni ta' natura pubblika fis-sens tad-Direttiva 2003/98 ma jistax ikun iktar wiesa' minn dak previst mir-regoli uniformi fil-qasam tal-iżvelar ta' data previsti mill-imsemmi regolament?

(2) Ir-Regolament Nru 575/2013, meqjus taħt il-profil tar-regoli dwar l-iżvelar ta' informazzjoni fir-rigward tal-attività kummerċjali tal-banek, u b'mod iktar preċiż l-Artikoli 446 u 432(2), li jinsabu fil-Parti Tmienja ta' tali regolament, għandhom jiġu interpretati fis-sens li tali regoli jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, li timponi fuq bank li jinsab jew li kien jinsab taħt l-influwenza dominanti ta' entità rregolata mid-dritt pubbliku jiżvela informazzjoni dwar il-kuntratti konklużi għall-provvista ta' servizzi ta' konsulenza, ta' servizzi ta' avukati, ta' servizzi ta' awturi ta' xogħlijiet intellettwali u ta' servizzi oħra ta' natura intellettwali, u iktar preċiżament l-informazzjoni dwar it-tip ta' negozju konkluż, il-partner kuntrattwali (għall-persuni ġuridiċi: l-isem kummerċjali, is-sede, l-indirizz kummerċjali), il-valur tal-kuntratt, l-ammont tal-pagamenti individwali, id-data ta' konklużjoni tal-kuntratt, it-tul tar-relazzjoni tan-negozju u data analoga li tirriżulta mill-annessi tal-kuntratti – informazzjoni li hija kollha datata fil-perijodu tal-issuġġettar għall-influwenza dominanti –, mingħajr previżjoni ta' kwalunkwe eċċezzjoni għal tali obbligu u mingħajr il-possibbiltà ta' bbilanċjar bejn l-interess tal-pubbliku li jkollu aċċess għad-data u l-interess tal-bank għaż-żamma tas-sigriet tan-negozju, meta ma jkunx każ li jinvolvi elementi transkonfinali?"

22. Tressqu sottomissjonijiet bil-miktub minn NKBM, il-Kummissarju tal-Informazzjoni, il-Gvernijiet Ungeriżi u Sloveni, u l-Kummissjoni Ewropea. NKBM, il-Gvern Sloven u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet orali waqt is-seduta tas-7 ta' Ġunju 2018.

4 Deċiżjoni tal-Ustavno sodišče Republike Slovenije (il-Qorti kostizzjonali tar-Repubblika tas-Slovenja) tat-12 ta' Jannar 2017 fil-Kawża U-I-52/16-17 (ECLI:SI:USRS:2017:U.I.52.16).

IV. Evalwazzjoni

23. Jidhirli li la d-Direttiva 2003/98 u lanqas ir-Regolament Nru 575/2013 ma jipprekludu l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Ser neżamina kull wieħed minn dawn l-istrumenti tal-UE separatament fil-qafas tal-analiżi tal-ewwel (A) u tat-tieni (B) domanda preliminari.

A. L-ewwel domanda: id-Direttiva 2003/98

24. L-ewwel domanda għandha żewġ partijiet. L-ewwel parti tikkonċerna l-kwistjoni tal-kompatibbiltà, mat-tielet inċiż tal-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva 2003/98, tar-regoli nazzjonali li jippermettu aċċess mingħajr restrizzjonijiet (assolut) għal kull informazzjoni f'kuntratti ta' drittijiet tal-awtur u ta' konsulenza, anki meta dawn il-kuntratti jiġu kklassifikati bħala sigriet tan-negozju. Il-qorti tar-rinviju tinnota li din il-leġislazzjoni tistipula dan biss fir-rigward ta' istituzzjonijiet taħt l-influwenza dominanti tal-Istat. Fit-tieni parti tad-domanda, il-kwistjoni hija jekk l-interpretazzjoni tad-direttiva hijiex influwenzata mir-Regolament Nru 575/2013.

25. Bħala kwistjoni preliminari, ta' min josserva li l-Gvern Sloven sostna fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu u kkonferma waqt is-seduta li l-formulazzjoni tal-kliem ta' din id-domanda ma hijiex kompletament preċiża.

26. L-ewwel nett, din id-domanda tiddikjara li l-leġiżlazzjoni Slovena inkwistjoni tagħti aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-*informazzjoni kollha* li tikkonċerna ċerti tipi ta' kuntratti. Madankollu, skont il-Gvern Sloven, iz-ZDIJZ tagħti aċċess mingħajr restrizzjonijiet għal ċerta data biss, jiġifieri d-"data prinċipali" f'dawk il-kuntratti. Kif spjegat ulterjorment mill-Gvern Sloven waqt is-seduta, din id-data tiġi ppreżentata f'forma miġbura, li jfisser li persuna li tkun qed tfittex aċċess tikseb l-informazzjoni li, pereżempju, il-bank X kien ikkonkluda kuntratt mal-kumpannija Y, relatat mal-qasam Z, u s-somma globali mħallsa, iżda dik il-persuna ma tirċevix iktar dettalji rigward il-kontenut ta' dak il-kuntratt. Għalhekk, l-aċċess għall-elementi kollha li jkun fadal tal-kuntratt (li ma humiex "data prinċipali") jista' jiġi miċħud jekk il-kumpannija kellha tikklassifikahom bħala sigriet tan-negozju.

27. Fi kwalunkwe każ, nixtieq nenfasizza li mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li t-talba għal aċċess tal-ġurnalist tkopri biss tali "data prinċipali" dwar kuntratti ta' drittijiet tal-awtur u ta' konsulenza, jiġifieri informazzjoni suġġetta għal aċċess mingħajr restrizzjonijiet taħt l-Artikolu 6a(3) taz-ZDIJZ *in fine*.

28. It-tieni nett, il-qorti tar-rinviju tindika, fl-ewwel domanda, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tagħti aċċess mingħajr restrizzjonijiet *anki meta dawn il-kuntratti jiġu kklassifikati bħala sigriet tan-negozju*. Il-Gvern Sloven jerġa' jissuġġerixxi li l-kliem tal-domanda ma huwiex konsistenti mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu. B'mod iktar speċifiku, huwa jsostni li d-data mitluba mill-ġurnalist ma tistax tiġi kkwalifikata bħala sigriet tan-negozju minn NKBM, għaliex l-Artikolu 39(3) taz-ZGD-1 ma jippermettix li d-data tiġi kkategorizzata bħala sigriet tan-negozju jekk dik id-data tkun pubblika skont il-liġi. Id-data mitluba mill-ġurnalist hija pubblika bis-saħħa tal-Artikolu 6a(3) taz-ZDIJZ.

29. Għal darb'oħra, fi kwalunkwe każ, anki jekk f'dan ir-rigward il-kwistjoni tidher li ġiet abbozzata f'termini wesgħin wisq, il-qorti tar-rinviju ma tindikax fid-digriet tar-rinviju li NKBM kien ser jikkategorizza jew ifittex li jikkategorizza d-data li talab il-ġurnalist bħala sigriet tan-negozju.

30. Jekk jitpoġġew fil-ġenb id-dettalji dwar il-fatti u l-liġi nazzjonali, dak li jidher li mhux ikkontestat huwa li skont il-liġi Slovena NKBM għandu jagħti aċċess mingħajr restrizzjonijiet, f'forma miġbura, għal-lista li fiha d-data mitluba mill-ġurnalist. Din il-lista tikkonċerna kuntratti konklużi minn NKBM ma' ditti ta' konsulenza, ditti legali u kumpanniji li jipprovdu servizzi ta' natura intellettwali. Id-data li l-ġurnalist għandu jingħata aċċess għaliha tkopri biss id-data prinċipali. Mhux ikkontestat ukoll li tali

aċċess mingħajr restrizzjonijiet ma jkunx possibbli kieku NKBM ma kienx, fil-perijodu rilevanti, taħt l-influwenza dominanti tal-Istat. Dan jidher li huwa l-punt kruċjali tal-ewwel parti tal-ewwel domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju: dan l-aċċess mingħajr restrizzjonijiet huwa kompatibbli mat-tielet inċiż tal-Artikolu 1(2)(c) tad-Direttiva 2003/98?

31. Mill-perspettiva tiegħi huwa kompatibbli, għal raġuni pjuttost sempliċi: ma jidhirlix li d-Direttiva 2003/98, meta tqis l-applikabbiltà *ratione materiae* tagħha, tfittex li tirregola s-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali (2). Madankollu, barra minn hekk, l-iskop tal-applikazzjoni *ratione personae* tad-direttiva għandu jiġi indirizzat u forsi għandu jiġi indirizzat kif suppost forsi anki qabel il-kwistjoni tal-applikabbiltà *ratione materiae* (1).

1. L-applikabbiltà ratione personae

32. Id-Direttiva 2003/98 tgħid fl-Artikolu 1(1) li tistabbilixxi regoli li "jirregolaw l-użu mill-ġdid u l-mezzi prattiċi għall-iffaċilitar ta' l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti *miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku* ta' l-Istati Membri" (enfasi miżjuda). L-Artikolu 2(1) tad-direttiva jipprovdi li "korp tas-settur pubbliku" tfisser "l-Istat, awtoritajiet reġjonali jew lokali, korpi regolati bil-liġi pubblika […]". L-Artikolu 2(2) jkompli jiddefinixxi "korp regolat bil-liġi pubblika" bħala kull korp li jissodisfa tliet kundizzjonijiet kumulattivi. L-ewwel minn dawn il-kundizzjonijiet hija li dak il-korp ikun "stabbilit għal fini speċifiku biex iħares il-ħtiġiet fl-interess ġenerali, li ma *jkollux karattru industrijali jew kummerċjali* (enfasi miżjuda).[5]

33. Naturalment, hija essenzjalment il-qorti nazzjonali li għandha tivverifika l-fatti ta' każ. Madankollu, jien nammetti li għandi ċerta diffikultà nimmaġina kif entità, li ġiet deskritta bħala bank (kummerċjali normali), u li kienet biss ikkontrollata temporanjament mill-Istat għal skopijiet ta' rikapitalizzazzjoni u sussegwentement mibjugħa mill-ġdid fis-suq, tista' titqies li hija "korp tas-settur pubbliku" fis-sens tad-direttiva. Anki jekk ikkontrollat għal xi żmien mill-Istat, dan ma tantx jibdel dik l-entità f'korp "regolat mil-liġi pubblika" fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/98. Barra minn hekk, bank kummerċjali, kif jidher li huwa NKBM, x'aktarx jonqos ukoll milli jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 2(2)(a) tad-direttiva: il-fatt li entità bħal din hija temporanjament ikkontrollata mill-Istat u rikapitalizzata minnu ma tantx twassal biex dik l-entità tkun korp "stabbilit għal fini speċifiku biex iħares il-ħtiġiet fl-interess ġenerali", u jċaħħadha mill-"karattru industrijali jew kummerċjali" tagħha.

2. L-applikabbiltà ratione materiae

34. Madankollu, irrispettivament mill-konklużjoni tal-qorti tar-rinviju dwar jekk NKBM ikkwalifikax bħala korp tas-settur pubbliku fis-sens tad-Direttiva 2003/98 fiż-żmien tal-fatti, jiena tal-fehma li din tal-aħħar fl-ebda każ ma tirregola *ratione materiae* l-kwistjonijiet indirizzati mil-leġiżlazzjoni Slovena applikabbli fil-kawża prinċipali.

35. Skont l-Artikolu 1(3), id-direttiva "tibni fuq u hija bla ħsara għar-reġimi ta' aċċess fl-Istati Membri". Bl-istess mod, il-premessa 9 tad-Direttiva 2003/98 tiddikjara li d-direttiva "tibni fuq ir-reħimi [reġimi] eżistenti ta' aċċess fl-Istati Membri u ma tibdilx ir-regoli nazzjonali għall-aċċess għal dokumenti".

5 Il-premessa 10 tad-direttiva tiċċara li "t-tifsiriet ta' 'korp tas-settur pubbliku' u 'korp regolat bil-liġi pubblika' huma meħuda mid-Direttivi tal-ksib pubbliku (92/50/KEE [tat-18 ta' Ġunju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 322)], 93/36/KEE [tal-14 ta' Ġunju 1993 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 110)] u 93/37/KEE [tal-14 ta' Ġunju 1993 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2 p. 163)] u 98/4/KE [tas-16 ta' Frar 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3 p. 91)]. Impriżi pubbliċi ma humiex koperti b'dawn it-tifsiriet".

36. Dan huwa ċċarat iktar mill-premessa 7 tad-Direttiva 2013/37, li emendat id-Direttiva 2003/98. Skont din il-premessa, "id-Direttiva 2003/98/KE ma fihiex obbligu li jikkonċerna aċċess għad-dokumenti jew obbligu li jiġi awtorizzat l-użu mill-ġdid ta' dokumenti". Barra minn hekk, skont il-premessa 8 tagħha, l-emendi magħmula mid-Direttiva 2013/37 "m'għandhomx l-għan li jiddefinixxu jew ibiddlu ir-reġimi tal-aċċess fl-Istati Membri, li jibqgħu r-responsabbiltà tagħhom".

37. B'hekk, id-Direttiva 2003/98 tiddistingwi b'mod ċar bejn *aċċess għal* dokumenti u *użu mill-ġdid* ta' dawn id-dokumenti. Mingħajr aċċess ma jista' jkun hemm ebda użu mill-ġdid, iżda dan ma jfissirx li aċċess u użu mill-ġdid jistgħu jitqiesu li huma kunċetti ekwivalenti.[6] Id-direttiva tistabbilixxi obbligi fir-rigward tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti iżda ma tmissx mar-regoli (nazzjonali) dwar l-aċċess għad-dokumenti. Fl-istess ħin, id-direttiva toqgħod u tiddependi fuq ir-regoli nazzjonali dwar l-aċċess għad-dokumenti sabiex tkun applikabbli. Huwa veru wkoll li, kull meta l-aċċess jingħata mil-liġi nazzjonali, l-użu mill-ġdid għandu, bħala prinċipju,[7] jitħalla awtomatikament, suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti mid-direttiva.[8] Madankollu, dan ma jbiddilx il-fatt li d-direttiva hija bla ħsara, u ma għandhiex l-intenzjoni li tbiddel regoli dwar l-aċċess, għal dokumenti miżmuma minn korpi nazzjonali tas-settur pubbliku, li jibqgħu dominju li l-Istati Membri huma unikament responsabbli għalihom.

38. Kif ġie osservat mill-Gvern Sloven fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu, il-leġiżlazzjoni Slovena inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri z-ZDIJZ, tikkostitwixxi l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-aċċess għal dokumenti. Huwa minnu li z-ZDIJZ hija *wkoll* il-leġiżlazzjoni li fiha l-leġiżlatur nazzjonali ddeċieda li jdaħħal xi dispożizzjonijiet sabiex jittrasponi d-Direttiva 2003/98. Madankollu, fid-dawl tal-kontenut tad-dispożizzjonijiet speċifiċi taz-ZDIJZ applikabbli għall-kawża prinċipali, inkluż l-Artikolu 6a(3) tagħha, fil-fehma tiegħi huwa ċar li dawn id-dispożizzjonijiet huma regoli li jagħtu aċċess mingħajr restrizzjonijiet għal ċerta informazzjoni, u mhux regoli dwar l-użu mill-ġdid tad-dokumenti.[9]

39. B'hekk, is-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli jikkonċernaw b'mod ċar l-aċċess, iżda mhux l-użu mill-ġdid fis-sens tad-Direttiva 2003/98.[10] Peress li l-kwistjonijiet ta' aċċess *inizjali* huma b'mod ċar għall-Istati Membri biex jiddeċiedu, allura fih innifsu s-suppliment potenzjalment applikabbli *sussegwentament*, fil-forma tad-Direttiva 2003/98, ma jistax jintuża għar-raġunament b'lura u jillimita l-ambitu tal-aċċess inizjali. B'riżultat ta' dan, din id-direttiva ma tistax tipprekludi regoli nazzjonali milli jagħtu aċċess mingħajr restrizzjonijiet għal ċerti dokumenti, anki jekk dawn id-dokumenti kienu kklassifikati bħala sigrieti kummerċjali.

6 Ara s-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-362/10, mhux ippubblikata, EU:C:2011:703, punt 54).

7 Tabilħaqq, kif diġà osservat il-Qorti tal-Ġustizzja, mill-premessa 9 u mill-Artikolu 3 jirriżulta li d-direttiva ma fiha ebda obbligu li jippermetti l-użu mill-ġdid ta' dokumenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku: sentenza tas-27 ta' Ottubru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, mhux ippubblikata, EU:C:2011:703, punt 48); ara wkoll is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2012, Compass-Datenbank (C-138/11, EU:C:2012:449, punt 50).

8 Il-premessa 8 tad-Direttiva 2013/37, li emendat id-Direttiva 2003/98, tgħid b'mod ċar li dan tal-aħħar "għandha tiġi emendata biex tistipula l-obbligu ċar li l-Istati Membri joffru d-dokumenti kollha għall-użu mill-ġdid tagħhom sakemm l-aċċess ma jkunx ristrett jew eskluż skont regoli nazzjonali dwar l-aċċess għad-dokumenti u suġġett għall-eċċezzjonijiet l-oħra stipulati f'din id-Direttiva".

9 Il-Gvern Sloven enfasizza wkoll waqt is-seduta li z-ZDIJZ fiha regoli dwar l-użu mill-ġdid tad-dokumenti, iżda osserva li dawn ir-regoli jinsabu f'artikoli oħra ta' din il-leġiżlazzjoni. Huwa insista wkoll fuq il-fatt li r-rekwiżiti applikabbli għal talba għall-aċċess għal dokumenti u talba għall-użu mill-ġdid ta' dokumenti jvarjaw sostanzjalment, u kkonferma li t-talba fil-kawża prinċipali ċertament taqa' fl-ewwel kategorija.

10 Nirrikonoxxi li fid-dawl tad-definizzjoni wiesgħa ta' "użu mill-ġdid" fl-Artikolu 2(4) tad-Direttiva 2003/98, jista' jiġi argumentat li ġurnalist li jitlob aċċess għal data (miġbura/ewlenija) dwar ċerti kuntratti x'aktarx ikollu f'moħħu "użu mill-ġdid" ta' din l-informazzjoni "għal finijiet […] mhux kummerċjali minbarra l-fini inizjali fi ħdan il-kompitu pubbliku li għalih kienu prodotti d-dokumenti.", għaliex jekk kien hemm xi ħaġa interessanti fid-data miksuba, il-ġurnalist x'aktarx juża mill-ġdid dik id-data biex jikteb artikolu jew saħansitra serje ta' artikoli dwar dak is-suġġett. Madankollu, huwa preċiżament għal dawn ir-raġunijiet li l-kunċett ta' "użu mill-ġdid" għandu jinqara fil-kuntest tal-loġika u tal-iskema tad-Direttiva 2003/98. Inkella kważi kull attività, f'xi stadju jew ieħor, tkun tinvolvi l-"użu mill-ġdid ta' data pubblika". Id-Direttiva 2003/98 imbagħad issir applikabbli kważi universalment għal kwalunkwe dokument jew ipproċessar ta' informazzjoni, minħabba li dejjem ikun hemm probabbiltà li jkun hemm mill-inqas xi data f'dan l-ipproċessar li jkun ġej mis-settur pubbliku.

40. Din il-konklużjoni ma hijiex affettwata mit-tielet inċiż tal-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva 2003/98, imsemmija mill-qorti nazzjonali. Skont din id-dispożizzjoni, id-direttiva ma tapplikax għal dokumenti li huma esklużi mill-aċċess bis-saħħa ta' liġi nazzjonali. Dan huwa preċiżament għaliex, kif diġà osservajt, l-użu mill-ġdid (skont id-direttiva) huwa possibbli biss fejn id-dokumenti jistgħu jiġu aċċessati (skont il-liġi nazzjonali). Għaldaqstant, il-fatt li t-tielet inċiż tal-Artikolu 1(2)(ċ) jiċċita "kunfidenzjalità kummerċjali (eż. sigrieti kummerċjali, professjonali jew tal-kumpaniji)" bħala wieħed mill-eżempji [11] ta' raġunijiet possibbli għal esklużjoni (nazzjonali) minn aċċess għal dokumenti (li, jekk u fejn applikabbli, jimplikaw li dawn id-dokumenti ma jkunux koperti mid-direttiva), ma tantx jista' jiġi interpretat li jimponi obbligu fuq l-Istati Membri biex jipprovdu limiti għal aċċess għal dawk ir-raġunijiet.

41. Fl-aħħar nett, permezz tat-tieni parti tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2003/98 hijiex influwenzata mir-Regolament Nru 575/2013, b'mod partikolari fis-sens li aċċess għal informazzjoni tas-settur pubbliku ma jistax ikun iktar estensiv minn dak previst mir-regoli uniformi dwar id-divulgazzjoni tal-informazzjoni stabbilit bir-regolament.

42. Dan l-element tal-ewwel domanda jiftaħ id-diskussjoni tat-tieni domanda magħmula mill-qorti nazzjonali: jiġifieri jekk ir-regolament huwiex eżawrjenti fir-rigward tal-obbligi ta' *divulgazzjoni* li jimponi fuq istituzzjonijiet ta' kreditu u, jekk dan ikun il-każ, jekk dan jimplikax projbizzjoni ta' regoli nazzjonali li jippermettu *aċċess* għal informazzjoni addizzjonali mhux kopert minn dawk ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni. Hija din id-domanda li jiena issa ser ngħaddi għaliha.

B. It-tieni domanda: Ir-Regolament Nru 575/2013

43. It-tieni domanda tikkonċerna r-regoli dwar id-divulgazzjoni tal-informazzjoni prevista mill-Parti Tmienja tar-Regolament Nru 575/2013, u b'mod iktar speċifiku l-Artikolu 446 u l-Artikolu 432(2). Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk dawn ir-regoli jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lil bank taħt l-influwenza dominanti ta' entità ta' dritt pubbliku li tiddivulga ċerta informazzjoni (li tikkorrispondi għad-data prinċipali fis-sens taz-ZDIJZ) dwar kuntratti pprovduti għal konsulenza u servizzi legali u servizzi ta' natura intellettwali, mingħajr ma tipprovdi għal xi eċċezzjoni għal dak ir-rekwiżit, u bl-ebda possibbiltà li jibbilanċja l-interess pubbliku li jkollu aċċess għad-data kontra l-interess tal-bank li jħares is-sigrieti tan-negozju tiegħu. Il-qorti tar-rinviju żżid li hija qed tistaqsi din id-domanda f'ċirkustanzi fejn ma hemmx elementi transkonfinali.

44. Ir-Regolament Nru 575/2013 huwa biċċa leġiżlazzjoni dettaljata. Dan jistabbilixxi regoli uniformi dwar ir-rekwiżiti prudenzjali ġenerali li l-istituzzjonijiet sorveljati taħt id-Direttiva 2013/36/UE, [12] jiġifieri istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment, għandhom jikkonformaw ruħhom ma' numru ta' punti elenkati fl-Artikolu 1 tar-regolament. Dawn jirrigwardaw prinċipalment il-profil ta' riskju ta' dawn l-entitajiet. Il-premessa 7 tiċċara li "dan ir-Regolament għandu, fost l-oħrajn, ikun fih ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet marbutin strettament mal-funzjonament tas-swieq tas-servizzi bankarji u finanzjarji u huma maħsuba biex jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja tal-operaturi f'dawk is-swieq kif ukoll livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri u d-depożituri". Ir-rekwiżiti prudenzjali stabbiliti mir-regolament ifittxu li jiggarantixxu mhux biss is-soliditá finanzjarja ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment, iżda wkoll livell suffiċjenti ta' informazzjoni għall-investituri u għad-depożituri, permezz ta' sistema standardizzata ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar il-profil ta' riskju ta' kull istituzzjoni..

11 Nosserva li l-Artikolu 1(2)(ċ) juża l-kelma "fosthom", li juri b'mod ċar lista indikattiva ta' raġunijiet ta' esklużjoni mill-aċċess.

12 Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li thassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU 2013 L 176, p. 338).

45. Ir-regolament jimponi għadd ta' obbligi strutturali sostanzjali, ekonomiċi, kontabilistiċi u finanzjarji relatati ma' kwistjonijiet bħal fondi proprji (Parti Tnejn), rekwiżiti ta' kapital (Parti Tlieta), l-iskoperturi kbar (Parti Erbgħa), skoperturi għal riskju ta' kreditu trasferit (Parti Ħamsa), likwidità (il-Parti Sitta) u lieva (Parti Sebgħa). Barra minn hekk, ir-Regolament Nru 575/2013 jistabbilixxi fil-Parti Tmienja l-obbligu ta' divulgazzjoni pubblika ta' informazzjoni fir-rigward ta' xi whud minn dawn l-obbligi sostantivi. Il-premessa 68 tgħid li "l-għan tar-rekwiżiti tad-divulgazzjoni għandu jkun li jipprovdu lill-parteċipanti tas-suq b'informazzjoni preċiża u komprensiva rigward il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet individwali". [13]

46. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom, skont l-Artikolu 431(3) tar-Regolament Nru 575/2013, jadottaw politika formali biex jikkonformaw ruħhom ma' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni. Skont l-Artikolu 433, l-informazzjoni rilevanti għandha tiġi divulgata mill-inqas darba fis-sena, għalkemm tista' tiġi ppubblikata iktar spiss. L-Artikolu 434 jipprovdi li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment huma ħielsa li jagħżlu l-mezzi ta' pubblikazzjoni, għalkemm kemm jista' jkun id-divulgazzjonijiet kollha għandhom jingħataw f'mezz wieħed jew f'post wieħed.

47. L-Artikolu 432(2) tar-Regolament Nru 575/2013, li jissemma fit-tieni domanda, jipprovdi li istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment għandhom il-possibbiltà li ma jiddivulgawx parti minn din l-informazzjoni [14] jekk titqies li tkun "proprjetarja jew kunfidenzjali". [15]

48. Kif diġà ġie osservat, [16] l-Artikolu 6a(3) taz-ZDIJZ jippermetti r-rifjut ta' aċċess għal informazzjoni ta' importanza pubblika fejn dik id-divulgazzjoni tippreġudika serjament il-pożizzjoni kompetittiva fis-suq tal-persuna jew tal-kumpannija kkonċernata. Din l-eċċezzjoni għall-obbligu tad-divulgazzjoni hija fformulata f'termini kemmxejn simili għall-eċċezzjoni għall-obbligu tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni proprjetarja provduta mill-Artikolu 432(2) tar-Regolament Nru 575/2013. Madankollu, kuntrarjament għaz-ZDIJZ, ir-regolament ma jippermettix li din l-eċċezzjoni tiġi annullata għal raġunijiet ta' interess pubbliku. Din hija preċiżament ir-raġuni għaliex il-qorti tar-rinviju tidher li għandha dubji dwar il-kompatibbiltà tar-regola nazzjonali mad-dritt tal-UE.

49. Jien indikajt id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali u tal-UE inkwistjoni f'ċertu dettall sabiex nenfasizza li minkejja li ż-żewġ dispożizzjonijiet fihom "kliem prinċipali" simili ("divulgazzjoni", "banek" u "informazzjoni kunfidenzjali"), huma jikkonċernaw u mistennija jirregolaw suġġetti differenti ħafna. Dan huwa enfasizzat ukoll minn tliet punti relatati mal-istruttura ġenerali u l-loġika taż-żewġ miżuri.

50. L-ewwel nett, iz-ZDIJZ tippermetti *l-possibbiltà ta' aċċess individwali għal dokumenti speċifiċi*, fuq il-bażi ta' *talba individwali fuq bażi ta' każ b'każ*. Ir-Regolament Nru 575/2013, min-naħa l-oħra, jistabbilixxi *obbligu* ta' *divulgazzjoni ġenerali ta' numru kbir ta' punti ta' informazzjoni predeterminati mir-regolament*, li huwa obbligatorju li tiddivulga b'mod *unilaterali* (jiġifieri mingħajr il-ħtieġa ta' kwalunkwe talba minn xi parti interessata) *sistematikament, darba fis-sena* (jew, jekk ikun il-każ, iktar spiss) u, bħala prinċipju, *f'forma kkonsolidata* permezz ta' pubblikazzjoni unitarja fuq l-internet jew stampata.

13 Dwar l-għan tad-divulgazzjoni, il-premessa 76 tgħid ukoll li "Għall-finijiet ta' tisħiħ tad-dixxiplina tas-suq u t-titjib tal-istabbiltà finanzjarja huwa meħtieġ li jkunu introdotti rekwiżiti aktar dettaljati għad-divulgazzjoni tal-forma u n-natura tal-kapital regolatorju u l-aġġustamenti prudenzjali magħmula sabiex ikun żgurat li l-investituri u d-depożituri jkunu informati tajjeb b'mod suffiċjenti rigward is-solvenza tal-istituzzjonijiet." (enfasi miżjuda).

14 L-unika eċċezzjoni għall-eċċezzjoni, jiġifieri informazzjoni li għandha dejjem tiġi divulgata, hija informazzjoni dwar il-fondi proprji u l-politika ta' remunerazzjoni.

15 L-Artikolu 432(2) tar-Regolament Nru 575/2013 jiddefinixxi ż-żewġ kunċetti kif ġej: L-informazzjoni għandha titqies bħala "proprjetarja" għal istituzzjoni jekk id-divulgazzjoni pubblika tagħha timmina l-pożizzjoni kompetittiva tagħha. Din tista' tinkludi informazzjoni dwar prodotti jew sistemi li, jekk tinqasam mal-kompetituri, jonqos fihom il-valur tal-investimenti ta' istituzzjoni. L-informazzjoni għandha titqies bħala "kunfidenzjali" jekk ikun hemm obbligi għall-klijenti jew għar-relazzjonijiet ma' kontropartijiet oħra li jorbtu lill-istituzzjoni bil-kunfidenzjalità.

16 Iktar 'il fuq, il-punti 11 u 16.

51. It-tieni nett, fir-rigward tal-entitajiet suġġetti għall-obbligi ta' divulgazzjoni, iz-ZDIJZ hija applikabbli ġeneralment għall-*entitajiet kollha taħt id-dritt pubbliku kif ukoll għall-entitajiet privati taħt l-influwenza dominanti ta' entitajiet taħt id-dritt pubbliku*, filwaqt li r-regolament huwa applikabbli biss għal *istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment*.

52. It-tielet nett, fir-rigward tal-għan tal-obbligi ta' divulgazzjoni, l-Artikolu 1a(6) taz-ZDIJZ jgħid li "din il-Liġi għandha jkollha l-għan li *ttejjeb it-trasparenza* u t-*tmexxija responsabbli ta' fondi pubbliċi* u l-finanzi ta' impriżi taħt influwenza dominanti ta' entitajiet taħt id-dritt pubbliku" (enfasi miżjuda). Min-naħa l-oħra, il-premessa 68 tar-regolament tinnota li "l-għan tar-rekwiżiti tad-divulgazzjoni għandu jkun li jipprovdu lill-*parteċipanti tas-suq* b'informazzjoni preċiża u komprensiva rigward *il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet individwali*." (enfasi miżjuda).

53. Fil-fehma tiegħi, it-tip ta' divulgazzjoni stabbilit fir-Regolament Nru 575/2013 u d-dritt ta' aċċess mingħajr restrizzjonijiet mogħti miz-ZDIJZ għandhom raġunijiet u għanijiet differenti, huma abbozzati b'mod differenti u jimponu drittijiet u obbligi fuq persuni differenti. Huma jikkonċernaw kwistjonijiet differenti ħafna.

54. Għaldaqstant, ma naħsibx li r-regoli uniformi dwar l-eċċezzjonijiet għad-divulgazzjoni permessi mill-Artikolu 432(2) tar-regolament, li tfasslu u ġew ifformulati fil-kuntest speċifiku tagħhom u għall-iskop speċifiku tagħhom, jistgħu jiddaħħlu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar aċċess għal dokumenti, jiġifieri ż-ZDIJZ. Ma hemm assolutament ebda relazzjoni materjali jew sistemika bejn ir-regolament u z-ZDIJZ biex tiġi ġġustifikata kwalunkwe limitazzjoni bħal din.

55. Eżempju wieħed jista' jgħin biex tintwera n-natura vera (u problematika) tal-argument sottostanti għat-tieni domanda tal-qorti tar-rinviju. Immaġina liġi li twaqqaf awtorità pubblika nazzjonali. F'dik il-miżura, li tistipula l-kompetenzi u l-governanza ta' din l-istituzzjoni, jiġi ddikjarat ukoll li l-istituzzjoni inkwistjoni għandha tippubblika rapport annwali, li fih tali u tali tip ta' informazzjoni, disponibbli għal kulħadd fis-sit internet tagħha. Tista' mbagħad miżura bħal din tiġi invokata minn din l-istituzzjoni pubblika biex tirrifjuta aċċess għal biċċa informazzjoni individwali mitluba minn individwu taħt l-aċċess ġeneralment applikabbli għal leġiżlazzjoni dwar l-informazzjoni, bl-argument li minħabba li l-leġiżlatur ma kienx inkluda din it-tip ta' informazzjoni fil-lista ta' informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata awtomatikament fuq bażi annwali, b'hekk tipprekludi li din l-informazzjoni qatt ma tiġi żvelata individwalment?

56. Naturalment it-tweġiba hija le. Il-fatt li żewġ vapuri jgħaddu lil xulxin fil-lejl, u anki jagħtu sinjal lil xulxin waqt li jgħaddu lil xulxin, ċertament ma jfissirx (mingħajr ma jittieħdu iktar azzjonijiet espliċiti) li wieħed jikkontrolla lill-ieħor.

57. Hawn iridu jsiru tliet rimarki tal-għeluq sabiex jirriflettu b'mod sħiħ l-argumenti kollha magħmula mill-qorti tar-rinviju u biex jassistu bis-sħiħ lill-Qorti tal-Ġustizzja, jekk xi għajnuna bħal din tkun meħtieġa fil-kuntest tat-tieni domanda lil hinn minn dak li diġà ġie ssuġġerit.

58. L-ewwel nett, fid-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tikkwota mhux biss l-Artikolu 432(2), iżda wkoll l-Artikolu 446 tar-Regolament Nru 575/2013. Din id-dispożizzjoni, intitolata "Riskju operattiv", essenzjalment tistabbilixxi obbligu li tiddivulga l-approċċi u l-metodoloġija li kull istituzzjoni tuża għall-valutazzjoni tar-rekwiżiti tal-fondi proprji għar-riskju operattiv li tikkwalifika għalih. [17]

17 Dan l-artikolu jaqra kif ġej: "L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-approċċi għall-valutazzjoni tar-rekwiżiti tal-fondi proprji għar-riskju operattiv li jikkwalifikaw għalihom; deskrizzjoni tal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 312(2), jekk użata mill-istituzzjoni, inkluża diskussjoni dwar il-fatturi interni u esterni rilevanti kkunsidrati flapproċċ ta' kalkolu tal-istituzzjoni, u f'każ ta' użu parzjali, lambitu u l-kopertura tal-metodoloġiji differenti użati".

59. Madankollu, barra milli tikkwota din id-dispożizzjoni, il-qorti tar-rinviju ma tispjegax għalfejn tqis li l-liġi Slovena tista' tkun inkompatibbli ma' din id-dispożizzjoni. Ma naħsibx li din id-dispożizzjoni tbiddel xi ħaġa fil-konklużjoni ġenerali li diġà ntlaħqet għat-tieni domanda. F'kull każ, jista' jitfakkar li l-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jiddetermina l-kontenut tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari, jiddikjara fil-punt (c) li dan tal-aħħar għandu jkollu *inter alia* "espożizzjoni tar-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju sabiex ikollha dubji dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll il-konnessjoni li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali". Peress li l-qorti tar-rinviju naqset milli twettaq dan l-obbligu, inqis li din il-parti tat-tieni domanda hija inammissibbli.[18]

60. It-tieni nett, il-qorti tar-rinviju ssemmi l-Artikolu 450 tar-Regolament Nru 575/2013 bħala sors ieħor ta' inkompatibbiltà potenzjali taz-ZDIJZ mad-dritt tal-Unjoni. Din id-dispożizzjoni, intitolata "Politika ta' rimunerazzjoni", tistabbilixxi obbligu ta' divulgazzjoni ta' ċerta informazzjoni dwar il-politika u l-prattiċi tar-remunerazzjoni ta' kull istituzzjoni għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħha.

61. F'dan ir-rigward, irrid ngħid li l-Gvern Sloven ikkonferma waqt is-seduta li l-lista tad-data mitluba mill-ġurnalist ma kienx fiha informazzjoni dwar il-politika ta' remunerazzjoni ta' NKBM, iżda biss dwar kuntratti li kkonkluda ma' partijiet terzi, liema kuntratti ma jikkonċernawx il-politika ta' remunerazzjoni ta' NKBM. Fl-assenza ta' iktar spjegazzjonijiet mill-qorti tar-rinviju, jidher li r-riferiment għall-Artikolu 450 tar-regolament għalhekk ma huwiex rilevanti għall-każ fil-kawża prinċipali.

62. It-tielet u l-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju espressament tgħid fl-aħħar tat-tieni domanda li din tal-aħħar titqajjem "f'ċirkustanzi fejn ma hemmx elementi transkonfinali". Dan jikkuntrasta mal-fatt li d-digriet tar-rinviju jgħid, fil-kuntest tal-argumenti invokati minn NKBM, li "l-element transkonfinali jirriżulta għaliex [NKBM] għandu sussidjarja bl-uffiċċju reġistrat tagħha fi Vjenna [l-Awstrija] (Adria Bank AG)". Id-digriet tar-rinviju wkoll josserva li NKBM bħalissa huwa proprjetà ta' impriża minn Stat Membru ieħor, li madankollu ma hijiex identifikata. Skont il-qorti tar-rinviju dan jista' jkun rilevanti biex issir evalwazzjoni tar-regoli Sloveni fid-dawl tar-regoli dwar id-dritt ta' stabbiliment (Artikolu 49 TFUE), dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi (Artikolu 56 TFUE), jew dwar il-moviment liberu tal-kapital (Artikolu 63 TFUE), kif ukoll dwar il-libertà li jitmexxa negozju (Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea).

63. Madankollu, il-qorti tar-rinviju immedjatament tosserva li l-kwistjoni dwar il-libertajiet fundamentali "qed titressaq biss ipotetikament", peress li fiż-żmien inkwistjoni NKBM ma kienx proprjetà ta' impriża minn Stat Membru ieħor. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tinsisti li din id-domanda għandha tingħata risposta għax "ma hijiex kwistjoni distinta, iżda hija marbuta mill-qrib mal-effetti tal-armonizzazzjoni minima permessa mid-Direttiva 2003/98".

64. Fid-dawl tal-fatti ppreżentati mill-qorti tar-rinviju kif ukoll mir-rikonoxximent li din il-parti tal-kwistjoni hija ipotetika, jiena tal-fehma li ma hemmx għalfejn tiġi indirizzata l-kwistjoni tar-restrizzjonijiet potenzjali għal-libertajiet fundamentali.[19] Forsi iktar importanti, ma hemm ebda kwistjoni speċifika dwar din il-kwistjoni, u għalhekk ma hemmx għalfejn tingħata tweġiba.

18 Reċentement ara, pereżempju, is-sentenza tat-2 ta' Lulju 2015, Gullotta u Farmacia di Gullotta Davide & C. (C-497/12, EU:C:2015:436, punti 17 sa 21).

19 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddikjarat bħala inammissibbli (fuq il-bażi ta' ġurisprudenza stabbilita li tgħid li l-ġustifikazzjoni għal talba għal deċiżjoni preliminari ma hijiex li tippermetti li jingħataw opinjonijiet konsultattivi dwar kwistjonijiet ġenerali jew ipotetiċi, iżda pjuttost li tkun meħtieġa għas-soluzzjoni effettiva ta' tilwima dwar id-dritt tal-UE) domandi li l-qorti tar-rinviju tikkwalifika bħala purament ipotetiċi sa fejn tkun tirrigwarda l-kawża prinċipali pendenti quddiemha: ara, pereżempju, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Private Equity Insurance Group (C-156/15, EU:C:2016:851, punti 56 sa 59).

V. Konklużjoni

65. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mill-Vrhovno sodišče Republike Slovenije (il-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja):

– It-tielet inċiż tal-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku, kif emendata bid-Direttiva 2013/37/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li temenda d-Direttiva 2003/98/KE, ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik fil-kawża prinċipali, li tippermetti aċċess mingħajr restrizzjonijiet (assolut) għal ċerta informazzjoni dwar kuntratti ta' drittijiet tal-awtur u ta' konsulenza unikament fir-rigward ta' istituzzjonijiet taħt l-influwenza dominanti tal-Istat.

– Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, u b'mod partikolari l-Artikolu 432(2) tiegħu, ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tobbliga lil bank taħt l-influwenza dominanti ta' entità ta' dritt pubbliku li jiddivulga ċerta informazzjoni fuq kuntratti pprovduti għal konsulenza u servizzi legali u servizzi ta' natura intellettwali, mingħajr ma tipprovdi għal xi eċċezzjoni għal dan ir-rekwiżit.